# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 10 ta'Novembru, 2000 .

## Citazzjoni numru : 186/97G1(PC)

**Joseph Xerri bhala mandatarju tal-imsefrin Stephen u Regina konjugi Greenwood .**

**vs**

**Hix Travel Limited .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine, wara li ippremetta:**

**Illi l-konjugi Stephen u Regina Greenwood kienu ftehmu mas-socjeta' konvenuta illi huma u l-ahmes uliedhom jmorru fuq "tour" ghal Parigi u Disneyland Paris bejn is-sebgha (7) u l-erbatax (14) ta' Settembru, 1997, u ghal din iz-zjara huma hallsu il-prezz totali komplessiv elf mija u sitta u erbghin lira maltija u hamsa u disghin centezmu (LMl,146.95c) ;**

**Illi pero', meta waslu fl-ajruport ta' Parigi, il-familja Greenwood ma thallewx johorgu mill-ajruport peress illi huma kellhom passaport Awstraljan, u allura kienet mehtiega illi jkollhom "visa" sabiex jidhlu Franza;**

**Illi infatti l-familja intiera nzammet f'detenzjoni ghal kwazi jumejn fl-ajruport Francis u imbaghad intbaghtet lura Malta ;**

**Illi dan kollu gara b'imhabba imprudenza grassa tal-impjegati tas-socjeta' konvenuta illi minkejja illi kellhom a dispozizzjoni taghhom il-passaporti tal-familja Greenwood naqsu illi jirrealizzaw illi dawn kienu passaporti Awstraljani u naqsu ukoll illi jinfurmawhom illi ghandhom bzonn visa minkejja domand esplicita f'dan is-sens ;**

**Illi per konsegwenza ta' dan in-nuqqas ta' diligenza da parti tas-socjeta' konvenuta, il-familja Greenwood sofriet danni konsistenti fit-telf totali tal-**

**ammont imhallas minnhom lis-socjeta' konvenuta, oltre spejjez inkorsi fi Franza u danni ohra illi sejrin jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;**

**Illi l-booking u reservation tal-familja Greenwood mas-socjeta' konvenuta sar fl-ufficcju taghhom gewwa Ghawdex - 39 B, Saint Andrew Street, Victoria, u l-hlas tal-prezz sar f'dak l-ufficcju, kif ukoll kien minn dar l-ufficcju illi l-istess familja gabret il-biljetti u dokumenti ohra tal-vjagg taghhom, u ghal din ir-raguni l-esponenti qieghed jadixxi lil din il-Qorti ;**

**Illi minkejja illi giet interpellata sabiex tirrifondi l-prezz imhallas lill-familja Greenwood, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti, ghalkemm f'mument minnhom hija offriet illi tirrifondi s-somma ta' hames mija u erbgha u sebghin lira maltija (LM574) cioe' nofs is-somma globali minfuqa .**

**Talab lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tiddikjarah responsabbli fil-konfront tal-konjugi Greenwood, kif rapprezentati ghad-danni kollha sofferti minnhom per konsegwenza u ghal finijiet tal-vjagg inutili taghhom lejn Parigi fis-7 ta' Settembru 1997 ;**
2. **Tillikwida dawn id-danni billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;**
3. **Tikkundannah sabiex thallas lill-attur nomine dawn id-danni kif hekk likwidati .**

**Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittri interpellatorji tad-9 ta' Settembru, 1997 u tad-19 ta' Settembru, 1997 kontra l-konvenut, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni debitament imsejha .**

**Bl-interessi fuq is-somma ta' LM1146.95c b'effett mid-data tan-notifika lis-socjeta' konvenuta ta' din ic-citazzjoni sad-data tal-hlas effettiv .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur nomine ikkonfermata bil-gurament tieghu .**

**Rat in-Nota ta' l-eccezzonijiet tas-socjeta' konvenuta li eccepiet:**

1. **Illi preliminarjament, l-imkompetenza "ratione loci" ta' din il-Qorti, in vista tal-fatt li s-socjeta' konvenuta hija residenti Malta u ghandha ghalhekk tkun imharrka fil-forum taghha (artikoli 47, 50, 741(C) u 767 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili) ;**
2. **Illi minghajr pregudizzju ghal premess, mhiex responsabilita' tas-socjeta' konvenuta li tara jekk klijent ghandux bzonn jew le visa biex jidhol f'pajjiz iehor; se mai, din responsabilita' hija tal-kumpanija Air Malta Company Limited li ghandha obbligu ma tellax persuni ghad-**

**destinazzjoni jekk ma jkollhomx visa valida; ghalhekk, l-esponenti jitlob il-kjamata in kawza tal-imsemmija kumpanija ;**

3. **Illi, f'kull kaz, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi s-socjeta' konvenuta ma tista' qatt tkun responsabbli ghan-nuqqas in ezami, peress li huwa wkoll obbligu tal-istess passiggier li jivverifika hu jekk ghandux bzonn visa jew le;**
4. **Illi, minghajr pregudizzju ghal premess, in-nuqqas huwa wkoll tort tal-istess passiggier, peress illi s-socjeta' konvenuta hejjiet laqgha ghall-passiggieri li kienu se jtiru fil-grupp, bi hsieb li jigu spjegati xi affarijiet lill-passiggieri u jigu ccarati xi problemi; l-atturi, pero', ma attendewx ghal din il-laqgha u, ghalhekk, naqsu li jinformaw ruhhom fuq dak li hemm bzonn ghall-vjagg u jiehdu twegiba ghal xi problemi li jista' jkollhom;**
5. **Illi wkoll minghajr pregudizzju ghal premess, it-talbiet attrici huma wkoll inforndati ghax irrizulta li l-atturi ma kellhomx mexxi biex jsostnu lilhom infushom fi Franza, u huma ma thallewx jidhlu fi Franza aktar minhabba din ir-raguni milli ghal xi raguni ohra ;**
6. **Illi wkoll minghajr pregudizzju, jigi rilevat li huwa dmir ta' kull persuna li tipprova tnaqqas id-danni; bla pregudizzju s-socjeta' konvenuta kienet offriet lill-atturi li jitilghu Parigi erbat ijiem wara li jhallsu biss LM250 zejda u b'hekk jsalvaw il-parti l-kbira mill-vaganza; l-atturi ma riedux, u b'hekk sofrew il-parti l-kbira mid-danni konsegwenza tal-aghir taghhom stess .**

**Salv jekk ikun il-kaz eccezzjonijiet ulterjuri .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' konvenuta ikkonfermata bil-gurament ta' Henry Xuereb .**

**Rat il-verbal taghha tat-3 ta' Marzu 1999 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari dwar il-'privilegium fori' .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz ta' din l-eccezzjoni preliminari taghha s-socjeta' konvenuta qed tinvoka l-'privilegium fori' u cioe' d-dritt jew ahjar beneficcju li tigi mharrka f'Qorti partikulari . In sostenn ta' din l-eccezzjoni taghha taghmel referenza ghall-artikoli 47, 50, 741C u 767 tal-Kap. 12 . L-artiklu 47 tal-Kap. 12 jaghti gurisdizzjoni lill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fuq persuni li jirrisjedu f'dik il-gzira dwar kwistjonijiet li ma jeccedux valur ta' elf lira maltija (Lm1000) . L-artikolu 50 jaghti gurisidzzjoni lill- Qorti tal-Magistrati ta' din il-gzira fuq persuni residenti hawnhekk . L-artikolu 741C jittratta l-eccezzjoni ta' inkompetenza ta' xi Qorti meta hu moghti lill-**

**konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem Qorti partikolari . L-artikolu 767 imbaghad jaghti l-beneficcju lil persuni li jkunu joqoghdu fil-gzira ta' Malta li jigu mharrka f'dik il-gzira, u lil dawk li joqghodu f'Ghawdex rigward il-Qorti ta' din il-gzira .**

**Fil-kaz in ezami nsibu kif anke jirrizulta mid-"Dokti. H.1 u H.2" esebiti mis-socjeta' konvenuta, illi s-sede ufficcjali ta' din il-kumpanija huwa fil-gzira ta' Malta, precizament fl-indirizz: 93, Rower Road, Sliema, u ghalhekk 'prima facie' jidher illi s-socjeta' konvenuta ghandha ragun tqajjem din l-eccezzjoni gialardarba giet imharrka fil-Qorti ta' din il-gzira u mhux f'dik ta' fejn titqies li hija r-residenza taghha .**

**Imma l-Qorti ma tistghax tieqaf hawn, kif donnha tippretendi s-socjeta' konvenuta . Importanti ferm ghas-soluzjoni ta' din il-kwistjoni huwa l-artikolu 770 tal-Kap. 12 fejn tinghata wahda mill-eccezzjonijiet ghal din ir-regola u rilevanti ghal kaz in ezami. Infatti dan l-istess artikolu jghid illi : "l-'privilegium fori' jispicca wkoll, fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi gzira partikolari" .**

**Minn dak li rrizulta s'issa, fil-kaz prezenti nsibu illi l-attur nomine qed ifittex lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' danni sofferti mill-mandanti tieghu minhabba dak li jsejjah nuqqas tas-socjeta' konvenuta li tinforma lill-mandanti tieghu bil-htiega ta' visa biex dawn ikunu jistghu jidhlu gewwa Franza fejn kellhom jinghaqdu ma' gita f'Parigi u Euro Disney, organizzzata mill-istess socjeta' konvenuta .**

**Irrizulta illi l-mandanti ta' l-attur, l-konjugi Greenwood, xtaqu jaghmlu vaganza gewwa Franza bil-hamest itfal taghhom u avvicinaw l-agenzija li s-socjeta' konvenuta kelha f'Ghawdex, u cioe' fl-indirizz : 39 B, Saint Andrew Street, Victoria, ghal dan il-ghan . Infatti ghamlu l-'booking', xtraw u nghataw il-biljetti ta' l-ajru u dokumenti ohra minn dan l-ufficcju f'Ghawdex . Il-hlas sar ukoll f'dan l-ufficjju ta' Ghawdex, minn fejn ukoll inghatatilhom l-informazzjoni mehtiega ghal dan il-vjagg . L-attur nomine jikkontendi fic-citazzjoni tieghu illi gialadarba n-negozju kollu sar Ghawdex, kienet din il-Qorti kompetenti tiehu konjizzjoni tat-talbiet tieghu .**

**Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet jesprimu ruhhom dwar din l-eccezzjoni tal-'privilegium fori', u din il-Qorti tiffaccja tali eccezzjoni prattikament kull darba li xi hadd residenti Malta jigi mharrek quddiemha . Dejjem pero' gie ritenut illi, kif tistipula l-ligi stess, dan il-beneficcju tal-konvenut jispicca kemm il-darba jigi pruvat illi l-kontestazzjoni tirrigwarda obbligazzjoni li kellha titwettaq fi gzira partikulari, fil-kaz taghna f'Ghawdex (ara f'dan ir-rigward : Appell Civili: Alfred Cremona et. v. Vanda armla Bradshaw: 20.5.94; Appell Kummercjali : Vivian Gatt noe. v.**

**Carmelo Grima: 12.2.92; u cit. 6/1996 : "Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited" moghtija fit-22 ta' April 1997 u kkonfermata fl-Appell).**

**Hekk ukoll fil-kaz prezenti nsibu illi l-obbligazzjonijiet kollha in konnessjoni ma' dan in-negozju ikkuntrattat bejn il-mandanti ta' l-attur nomine minn naha l-wahda u s-socjeta' konvenuta minn naha l-ohra sar kollu f'Ghawdex, mill-agenzija tal-Kumpanija "Hix Travel Limited" tramite r-rapprezentanta taghhom f'din il-gzira . M'ghandu jkun hemm ghalhekk l-ebda raguni ghaliex l-allegat obbligu tas-socjeta' konvenuta li tinforma lill-koppja Greenwood bil-htiega ta' visa ghalihom biex jiddahhlu gewwa Franza, u li minhabba fih qed tigi mharrka din l-agenzija ta' l-ivvjaggar, ma setghax ghalhekk facilment jitwettaq ukoll mill-ufficcju taghhom f' Ghawdex .**

**Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi, fejn irrizulta illi n-negozju guridiku li ta lok ghall-kawza prezenti twettaq fil-parti preponderanti tieghu fil-gzira ta' Ghawdex, gie res applikabbli l-artikolu 770 tal-Kap. 12 dwar kif jispicca l-'privilegium fori' tal-konvenut .**

**Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar din l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta, billi tichad l-istess eccezzjoni u thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni .**

**L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
S18697Pc
1637